KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 71** **Tnejn 11 ta' Diċembru 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar – Kunsillier
Dott. Angele Rapa – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier (onlajn)
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera (onlajn)
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg – Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Francis Deguara – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Deguara. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Deguara.

**71.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru.69.**
(Nota : Laqgħa numru 70 kienet ġiet posposta)

**REF: 67.3.3 Street Naming Committee: Triq il-Wied u Triq Don Alvaro De Sande, Mosta**
Is-Sindku nforma li l-Membru Parlamentari Romilda Zarb, irranġat ma' Identità Malta, biex jiġu ġurnata ġewwa l-Mosta Cycling Club biex ir-residenti jkunu jistgħu jbiddlu l-karta ta' l-identità bla xkiel u nkonvenjent żejjed.

**REF: 67.3.4 SPI/SCI/08/2022 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022**
Is-Sindku nforma li tkellem mad-Direttriċi Marisa Abdilla Pisani, biex jerġgħu jikkunsidraw ċerti dokumenti u jekk hemm bżonn issir laqgħa. Uħud mil-irċevuti mhumiex tal-VAT u għalhekk id-dipartiment m'aċċettahomx, apparti li qalu ma kienx hemm *risk assessment*. Il-Kunsillier nforma wkoll li l-LESA ma joħorġux irċevuti, u għalhekk dan il-pagament ma ġiex aċċettat.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti biex tittieħed regola ġenerali li għal kull avveniment jrid jsir *risk assessment,* avolja koperti bl-assikurazzjoni.

**REF: 67.3.5. Festa ta' San Martin fil-Mosta**
Is-Sindku nforma li din l-attività saret. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-baġit mill-iskema approvata kien dak ta' €18,000, u l-Kunsill jrid joħroġ madwar €8,000, u għalhekk talab rendikont.

**REF: 67.3.6 Attività f'Diċembru**
Is-Sindku nforma li għall-attività ta' Diċembru talab €20,000. L-attività ġiet pjanata b'dan il-baġit u qal li rridu naraw kif ser jkun it-temp nhar il-15 ta' Diċembru.

Fis 6:20 daħlet għal laqgħa il-Kunsilliera Bonnici.

**REF: 67.4.1 Party tal-Milied għat-Tfal**
Il-Viċi Sindku nfurmat li għal-festin tat-tfal nbiegħu 41 biljett, u ser jsir is-Sibt 16 ta' Diċembru fis-sala tal-Kunsill bejn is-2:00pm u l-4:00pm.

**REF: 67.4.2 Laqgħa FSWS**
Il-Kunsillier Farrugia nforma li l-laqgħa saret fis-27 ta' Novembru, u saret laqgħa oħra onlajn fit-30 ta' Novembru. Tqajmu ċerti punti li ser jkunu kkunsidrati fil-laqgħa li jmiss. Bħala spejjez ta' gallettini u café ntefqu Eur17.

**REF: 67.4.3 125 Anniversarju ta' l-Iskejjel Primarji ta' Grognet.**
Il-Kunsillier Cassar nforma li fl-aħħar laqgħa kien deċiż biex Il-Kunsillier Borg iġib kwotazzjonijiet għall-ktieb.

**REF: 67.4.4 Siġar Housing Estate**
Is-Sindku nforma li wara li ġara fuq is-siġar tal-ficus mhux tal-parir li jinqalgħu s-siġar taċ-ċipress li hemm ġewwa l-Housing Estate fi triq id-Dawr, illum bl-isem triq Freddie Micallef. Il-Kunsillier Cassar nforma li dawn is-siġar qed jagħmlu ħsara fid-dawl. Is-Sindku reġa' nforma li mhux ser jaqta l-ebda siġar, u l-girl guides qatt ma bagħtu li s-siġar qed jagħmlu ħsara mal-*cables* tad-dawl imma fuq il-bejt tal-proprjetà, għax qed jwaqqgħu ħafna weraq li qed jmur fil-*gulley.* Il-Kunsillier Farrugia nforma li s-siġar mqabbdin mad-dawl, u jekk jagħmel ir-riħ, dawn jqaċċtu l-*cables* u l-Housing Estate tispiċċa bla dawl.

Is-Sindku reġa' nforma li fuq l-inqala dwar il-ficus tal-pjazza, għalkemm kellna kollox kif suppost bħala permessi mall-ERA, u għalkemm anke fuq il-qlugħ ta' dawn is-siġar taċ-ċipress hemm permess bil-premura li jinżergħu 50 siġra oħra fil-Mosta, mhux tal-parir li jinqalgħu, u l-anqas jinżabru, għax kif inhuma biex jinżabru zokk bis jifdal taħt il-*wires* rad-dawl.

**REF: 67.4.5 Art fi Triq Freddie Micallef.**
Is-Sindku nforma li l-art hija tal-privat u mhux tal-Gvern, u l-Kunsill ma jingħatax dettalji ta' min hi l-art.

Fis 6:30pm daħal għal laqgħa il-Kunsillier Borg.

Il-Kunsillier Farrugia nforma li għandu dettalji ta' l-art fejn hemm il-ħajt perikoluż. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ma jistax jidħol fuq art privata, u l-anqas il-Cleansing Division. Il-Kunsillier Cassar nforma li fiż-żmien, il-Kunsilli setgħu jressqu rapport lil-Cleansing Division biex jitranġaw ħitan jew titnaddaf l-art wara li jsir rapport lil-Awtorità ta' l-Ippjanar, imbagħad jekk xi darba sid-l-art jitlob permess, il-permess ma jinħariġx qabel mas-sid jħallas tax-xogħol li jkunu għamlu l-Cleansing Division. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tintalab linja gwida mill-BCA jew l-PA dwar x'jista' jsir dwar ħajt ta' art privata mwaqqa' u art infestata ġrieden u maħmuġa u jekk tistax ssir il-proċedura li semma l-kunsillier Cassar.

**REF: 67.4.7 Trasport Pubbliku**
Is-Sindku nforma li bagħat imejl lil Ministru u lil Transport Malta (TM) dwar is-servizz ta' trasport pubbliku li mhux adegwat fil-Mosta, u għada għandu laqgħa. Jidher li diġà ġew irranġati xi rotot, u huwa diġà talab biex jerġa jkun hemm venda fil-Mosta. Is-Sindku ħa nota tas-suġġerimenti tal-kunsilliera, biex jressaqhom għal-laqgħa.

**REF: 67.4.8 Bollards Quddiem is-City**
Is-Sindku nforma li fejn hemm il-*line markings* ta' quddiem is-City, cioe fejn twaħħlu l-boċċi tal-qawwi u ġew milquta minn diversi karozzi, issa din ser tkun elevata bil-porfido bħala bankina u jsiru l-boċċi fuq il-porfido biex b'hekk dawn ma jkunux milqutin.
Il-membri preżenti qablu.

**REF: 67.4.9 Triq Ġużeppi Callus**
Is-Sindku nforma li sar ir-*reinstatement* tat-trinka mill-Enemalta, u l-Kunsillier Cassar nforma li għad hemm ħafna żrar. Is-Sindku nforma li bagħat lil-kuntrattur tal-knis biex jiknes. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-knis ta' żrar mhux xogħol il-kuntrattur tal-knis u dan jrid jsir mill-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet. Is-Sindku nforma li x-xogħlijiet minn Infrastructure Malta (IM) bdew illum, fejn l-ewwel ser jsir ix-xogħol tal-*main* ta' l-ilma ġdid, u ser jsir id-drenaġġ ġdid wkoll.

**REF: 67.4.12 Baġit**
Il-Kunsillier staqsa lis-Sindku jekk ġiex rivedut il-baġit, u s-Sindku nforma li għada ser jiltaqà mall-accountant tal-Kunsill.
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk ir-rendikont tal-baġit tad-DPF li nirċievu, huwiex 100% jew it-80%. Dan tajjeb li jkun ikkonfermat biex inkunu ċerti li l-ammonti li qed jkunu bbaġitjati huma korretti.

**71.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**
**71.3.1 Contracts Manager**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-NAO ġibdu l-attenzjoni li l-Kunsill jrid jkollu Contracts Manager, u għalhekk jrid jerġa jibda jinħadem tender.

Il-kommunikazzjoni mil-NAO tgħid hekk;

> *Directive 02/2021 issued by LGD sets a direct obligation on Councils to either appoint a full-time contracts manager or subcontract the service through the issue of a call for tenders. However, no particular person is entrusted with this role at Mosta Local Council.*

Il-Kunsillier Cassar nforma li dan il-proċess diġà għaddejna minnu, fejn l-ebda persuna ma kienet ser tapplika bis-salarju offrut. Is-Sindku nforma li l-allokazzjoni relatata ma salarji ta' l-impjegati diġà użata sal-massimu tagħha, u għalhekk tajjeb li nitolbu direzzjoni mid-DLG.

**71.3.2 Jupiter Roundabout**

Is-Sindku nforma li l-każin ta' Santa Marija ressqu l-proposta lil Infrastructure Malta biex fir-roundabout tal-Jupiter titpoġġa statwa ta' Santa Marija fuq pedestal, li tkun biswit il-monument tal-Missjunarji Maltin.

Is-Sindku nforma li fiż-żmien l-400 mitt sena tal-parroċċa, l-għaqda kienet resqet dan il-proġett darbtejn fejn darba applikaw flok il-monument ta' l-Iljun u darb oħra fuq l-*island* ta' quddiem Cauchi u t-tnejn ġew rifjutati mill-Awtorità ta' l-Ippjanar fost anke oġġezzjonijiet. Wara saret talba ma Infrastructure Malta (IM), biex l-istatwa ta' Santa Marija titpoġġa ċentrali fil-Jupiter *roundabout,* u saret l-applikazzjoni minn IM u l-Awtorità ta' l-Ippjanar approvat il-permess wara l-konsultazzjonijiet proċedurali li tagħmel l-Awtorità ta' l-Ippjanar, fosthom l-SCH matul l-eżitu tal-applikazzjoni. Meta saret l-applikazzjoni minn IM ma l-Awtorità tal-Ippjanar ma kienet saret l-ebda oġġezzjoni.
Is-Sindku nforma li l-istatwa u l-pedestall li ser issir mis-Soċjeta li għamlet it-talba, ser tkun tal-irħam abjad. L-istatwa abbozz *(full size)* diġà saret fil-*fibreglass* u hija xogħol il-Kavallier Fredu Camilleri Cauchi.

IM talbu l-*feedback* tal-Kunsill jekk il-Kunsill jaqbilx mall-proposta tal-każin Santa Marija, liema proposta għandha permess validu ma l-Awtorità tal-Ippjanar biex l-istatwa ta' Santa Marija titpoġġa ċentrali fil-Jupiter *roundabout* biswit il-monument tal-Missjunarji Maltin.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Cassar nforma li wara li ra l-pedestall tal-konkos fuq il-post, huwa kkomunika mas-CEO ta' IM fis 6 ta' Novembru, jistaqsi dwar x'inhi l-istruttura f'nofs ir-*roundabout*, fejn qara messaġġi min whatsapp. Is-Sindku qasam mal-membri preżenti l-pjanta *Appendiċi A*, u nforma li fil-proposta il-monument tal-Missjunarji Maltin ser jibqa' f'postu kif inhu fil-ġenb u fuq il-pedestall ċentrali ser ikun hemm l-istatwa ta' Santa Marija fuq pedestall.

Tkompliet id-diskussjoni dwar l-applikazzjoni u l-pjanti, għax uħud mil-Kunsilliera nformaw li fl-ebda ħin ma tpoġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill li jkun hemm statwa ta' Santa Marija, fejn il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa biex jkun ikkunsidrat li lis-statwa titqiegħed f'waħda mir-*roundabouts* l-ġodda li ser jsiru fi Vjal Ragusa.

Is-Sindku spjega li fil-permess attwali approvata hemm indikat li l-monument tal-Missjunarji Maltin jiġi mneħħi min hemm u fil-permess approvat hemm biss indikat l-monument tal-istatwa ta' santa Marija fuq pedestall ċentrali. Trid issir applikazzjoni biex jiġi ndikat fejn jiġi spustjat il-monument tal-Missjunarji Maltin. Kienet saret applikazzjoni min IM biex dan jitpoġġa fi triq iż-Żejfa, però din l-applikazzjoni kienet ġiet irtirata mill-istess applikant.

Madankollu, s-Sindku, fuq talba tas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija, qed jressaq il-proposta lill-Kunsill biex l-Monument tal-Missjunarji Maltin jibqa' fejn hu llum, cioe fil-ġenb tar-*roundabout* iffurmata ġdida, u l-monument ta' l-istatwa ta' Santa Marija fuq il-pedestall ċentrali. Peress li kien hemm uħud mil-Kunsilliera li qablu li jkun hemm żewġ monumenti, u oħrajn qablu li jkun hemm monument wieħed, ittieħdet votazzjoni għall-approvazzjoni biex l-istatwa ta' Santa Marija titpoġġa ċentrali fil-Jupiter *roundabout* kif inbniet filwaqt li jibqa' fuq

il-post kif inhu llum il-monument tal-Missjunarji Maltin, skont il-pjanta annessa bħala *Appendiċi A.*

Is-Sindku nforma li minħabba konflitt ta' interess mhux ser jivvota però kellu dritt jipparteċipa fid-diskussjoni flimkien mall-kunsilliera.

Riżultat tal-votazzjoni;

**<u>Kontra li jkun hemm żewġ monumenti:</u>**
Kunsillier Keith Cassar
Kunsillier Aiken Zerafa
Kunsillier Marvic Camilleri
Kunsillier Joseph Gatt

**<u>Astensjonijiet:</u>**
Ma kienx hemm astensjonijiet

**<u>Favur li jkun hemm żewġ monumenti:</u>**
Viċi Sindku Rachel Abela
Kunsillier George Borg
Kunsillier Danny Farrugia
Kunsilliera Anna Galea
Kunsilliera Maria Pia Bonnici

Il-vot favur li ssir l-istatwa ta' Santa Marija fuq pedestall ċentrali fil-Jupiter *roundabout* kif inbniet filwaqt li jibqa' fuq il-post kif inhu llum il-monument tal-Missjunarji Maltin, skont il-pjanta annessa bħala *Appendiċi A* għaddiet bil-vot ta' 5 favur u 4 kontra.

Għalhekk IM ser ikunu avżati uffiċjalment b'din id-deċiżjoni biex ikunu jistgħu jipproċedu bil-proġett ta' tal-istatwa ta' Santa Marija.

**71.3.3 Triq tal-Pont**
Is-Sindku nforma li wara li l-Kunsill talab lil Infrastructure Malta (IM), biex issir reviżjoni tal-karreġġati, biex it-*two lane* tibda min qabel il-ħruġ lejn in-Naxxar, is-Sindku nforma li rċieva l-emendi min IM, fejn indirizzaw il-proposti tal-Kunsill. Is-Sindku qassam il-pjanta mall-membri preżenti li qed tiġi annessa bħala *Appendiċi B.*

Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku biex jikkomunika mar-residenti, li l-Kunsill ħa deċiżjoni u saret talba lil-IM biex jitneħħew il-blokki tal-konkos tal-karreġġata direzzjoni lejn Naxxar temporanjament, ħalli r-residenti hemm barra jkunu jafu li l-Kunsill qed jaħdem dwar il-problema tat-traffiku f'din iż-żona. Dan sakemm jinbeda l-proġett ta' Vjal Ragusa f'Jannar kif avżat. Is-Sindku nforma li ser jibgħat imejl lis-CEO ta' IM immedjatament b'dak li ddeċieda l-Kunsill kif talbu l-kunsilliera.

**71.3.4 Allokazzjoni**
Is-Sindku nforma li rċevejna l-kuntratt ta' Project Green biex jkun iffirmat, u s-Sindku nforma lil-Project Green li mhux ser jiffirma l-kuntratt jekk mhux ser jkun hemm żieda fl-allokazzjoni, fejn l-Kunsill irid joħroġ 10% tas-somma li tammonta għal madwar €200,000 apparti l-ispejjeż tal-Perit. Is-Sindku nforma li saret it-talba lid-DG tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (DGL), fejn

ġejna nfurmati li l-allokazzjoni diretta lill-Kunsilli Lokali skont l-estimi finanzjarji, hija skont il-formula finanzjarja fl-Att dwar il-Gvern Lokali, u li l-fondi għall-proġetti jistgħu jiġu sfruttati mid-diversi skemi ta' għotjiet maħruġa matul is-sena.
Is-Sindku nforma li ż-żieda li ntalbet lid-Dipartiment hija għal:

- Manutenzjoni ġnien l-Għarusa tal-Mosta;
- Manutenzjoni *landscaping* pjazza;
- Manutenzjoni pavimentar pjazza;
- 10% tal-proġett ta' Project Green;
- Spejjez tal-perit ta' Project Green;

Is-Sindku nforma li tkellem mall-Perm Sec fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv, fejn talabha linja gwida ta' x'jista' jagħmel, fejn nfurmatu li jista' jipprova japplika għal *co-financing* fuq il-proġett ta' Project Green. Ser tiġi skedata laqgħa biex din il-materja tiġi diskussa.

**71.3.5 Traffic Management**
Is-Sindku nforma li issa qed joqrob iż-żmien li tinfetaħ il-pjazza, issa rridu nibdew nimplimentaw dak it-traffic management, fejn diversi toroq huma proposti li jkollhom bidla fid-direzzjoni ta' traffiku. Uħud min dawn, diġà ġew implimentati skond il-pjan approvat. Għalhekk jirrikjedi li jsiru bosta tabelli u sinjali, skond il-pjan approvat.

Il-Kunsillier Cassar nforma li dan il-pjan jrid jsir u jkun diskuss waqt it-*Traffic Management Committee* u mhux fuq il-mejda tal-Kunsill. Sar qbil li peress li dan il-pjan huwa diġà approvat, għandu jkun it-*Traffic Management Committee* li jiddeċiedi kif ser jiġi mplimentat dan il-pjan. Ġie maqbul li wara li jiddeċiedi l-pjan il-kumitat, r-residenti wara għandhom ikunu nfurmati b'ittra u anke fuq il-midja soċjali tal-Kunsill.

Fit-8:20pm daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Gauci.

**71.3.6 Street Furniture**
Is-Sindku nforma li talab lil-MTA baġit addizzjonali, fuq lis-*street furniture* tal-pjazza, fosthom bankijiet, qsari, *cast iron pots, bollards,* u bankijiet oħra li jkollhom il-*planters* magħhom. L-istima globali kienet ta' €426,000 eskluż il-VAT, u l-MTA nformaw lis-Sindku li jistgħu jħallsu s-somma ta' €200,000 inkluż VAT.
Is-Sindku nforma li lis-stima ġiet riveduta skont il-prijorità u għalhekk bil-€200,000 inkluż il-VAT ser jsiru parti mill-*bollards* tal-pjazza, il-*cabinets* ta' l-injam ta' fejn *Cauchi* u quddiem il-bokka ta' triq il-Kurat Calleja, u parti mill-*planters* tas-siġar tal-ballut. Il-bankijiet huma t-tieni prijorità, fejn meta jkun hemm baġit għalihom jkunu jistgħu jsiru. Għalissa l-MTA offrew li jagħmlu manutenzjoni tal-bankijiet eżistenti.

Is-Sindku nforma wkoll li r-rampi ta' fejn Cauchi u d-dar tal-Arċipriet ser jitranġaw u jiġu itwal, u ser jitranġaw il-gradilji tat-tappieri tal-ilma tax-xita ta' triq il-Kbira wkoll, imma dawn ser jsiru wara l-festi meta tingħalaq triq il-Kbira ħalli tali xogħol jitlesta qabel terġa tibda l-iskola fit-8 ta' Jannar 2024.
Is-Sindku kkonferma li ser isiru il-*pelican lights* kollha bil-*push button.*

Fit-8:30pm is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti li fadal nofs siegħa biex tintemm il-laqgħa.

Il- Kunsillier Cassar staqsa dwar it-*timed parking*, jekk japplikax għal residenti li joqgħodu l-Mosta, imma jkollhom l-*ID card* fuq indirizz ieħor li ma jkunx il-Mosta. Is-Sindku nforma li jekk vettura ma tkunx reġistrata b'indirizz il-Mosta japplika it-*timed parking* bil-ħin. Il-liġi hekk qiegħda. Il-ħin ma japplikax biss jekk il-karozza tkun reġistrata l-Mosta. Il-Kunsillier Cassar staqsa wkoll dwar *business owners,* għaliex dawn mhux meqjusin bħala Mostin? Is-Sindku nforma li meta ċċekkja mas-Sur Cohen TM u r-risposta kienet dik li diġà spjega.
Mhux aċċettabbli li jitqassmu ittri jew *stickers* mall-*windscreens* tal-karozzi li juru li dak li jkun hu resident Mosti għax jista' jkun hemm abbuż u għax mhux skond il-liġi.

Fit-8:35pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

**71.3.7 Monti**
Is-Sindku nforma li ġew rinfreskati l-linji ta' fejn jarmaw tal-monti, u xorta qed jarmaw il-barra mil-linji u mblokkaw l-aċċess. Is-Sindku avża lil-*handyman* tal-Kunsill, biex nhar it-tnejn jmur bil-preżenza tal-Pulizija.

**71.3.8 Talba Skala 15 għal-Skala 14**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li skont il-ftehim kollettiv tal-ħaddiema, ħaddiema f'kariga ta' *clerk* skala 15 jistgħu javvanzaw għal skala 14 wara ħames snin servizz fil-grad, soġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti, għalhekk is-Sa. Maxine Ebejer resqet talba bies titlà skala.
Il-membri preżenti approvaw it-talba tas-Sa. Maxine Ebejer biex min skala 15 titlà għal skala 14 *notch* 3, mit-18 ta' Diċembru 2023.

**71.3.9 Tiġdid ta' Leave**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-ħaddiema Fenech talbet approvazzjoni biex iġedded sittax il-siegħa leave, u Abela talbet approvazzjoni biex iġedded seba' u sittin il-siegħa leave.
Il-membri preżenti approvaw it-tiġdid ta' leave.

**71.3.10 SPI.SCI.4.2023 Kommunitajiet Aktar Siguri u Organizzati**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li t-talba għal-fondi ġiet aċċettata u kkwalifikajna għal ammont ta' €11,305 VAT inkluż. Il-Kunsill huwa obbligat li jiffinanzja 15% ma' l-ammont mogħti.

**71.3.11 Ktieb 'Malta Aerial Photography'.**
Il-Kunsillier Cassar li rċieva imejl mil awtur Joe Abdilla, fejn ippubblika ktieb li jikkonsisti minn ritratti meħuda tal-gżejjer Maltin, li jinkludi ritratti tal-Mosta. Dan il-ktejjeb ġie wkoll ippreżentat lil-librerija tal-Mosta. Il-ktieb fih 96 paġna u qed joffrih lil-Kunsill lokali bi prezz ta' €20 flok €27.30, jekk nieħdu aktar min tmien kotba. Dan il-ktieb nxtara wkoll min-Ministeri tal-Gvern.
Il-membri preżenti approvaw li nixtru 20 ktieb, biex jkunu jistgħu jiġu preżentati mil-Kunsill, u mhux biex jinbiegħu.

**71.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**71.4.1 Paġna tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Zerafa staqsa min jieħu ħsieb il-paġna tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li hi u s-Sindku jieħdu ħsieb l-paġna tal-Kunsill. Il-Kunsillier Zerafa nforma li *posts* għandhom jittellaw fuq it-tielet persuna, u s-Sindku nforma li hekk jippostja, u nforma lil-Kunsillier Zerafa biex jinfurmah liema huma l-*posts* li qed jsemmi, ħalli jirranġahom.

**71.4.2 Triq Il-Kostituzzjoni**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li min fejn il-pompa tal-petrol sa l-Ideal Bathrooms ma nbidel xejn, fejn kien hemm *bus stop, loading/unloading bay,* kif wkoll kien hemm il-linji tal-pompa tal-petrol, u għalhekk staqsa kif naqsu l-ispazji tal-parkeġġi. Is-Sindku nforma li nbidlu l-qisien tal-entratura u l-ħruġ tal-*bus stop* (ġew itwal), u issa ġew kif suppost u qabel il-linji ma kienux miżbugħin skont il-proċeduri u *standards* ta' Transport Malta (TM).

**71.4.3 Bankini Triq Nicolo Isouard**
Il-Kunsillier Cassar nforma li kif saru l-bankini, fi triq Nicolo Isouard, għax biex jgħaddu l-vetturi wieħed jrid jċedi lil-ieħor. Is-Sindku nforma li IM qalulu li l-bankini hekk jridu jkunu għax f'kantunieri ma tistax tipparkja u hekk ma jistax isir abbuż bħal ma kien isir regolarment qabel. Is-Sindku qali li n-naħa ta' *Cornerstone Complex* biss ma saritx b'dan il-mod għax il-propjetarju bagħat imejl li għandu permess mill-PA minħabba dħul u ħruġ tal-parkeġġ tal-blokka u *sub station* ta' l-Enemalta li jrid jkollha aċċess 24 siegħa kuljum. Għalhekk nhar ta' Tnejn, waqt il-ħin tal-operat tal-monti, jrid ikun hemm passaġġ liberu.

Il-Kunsillier Cassar nforma li qed nitfgħu traffiku fi triq Il-Kostituzzjoni għalxejn, u s-Sindku nforma li kienu nformawh li bħala *standards,* hekk qed isiru l-bankini, cioe fit-tarf il-bankini b'45 *degree splay* fil-kantuniera, *in line* mal-parkeġġi tas-*side roads.*

**71.4.4 Speed Moderators fi Triq il-Ħtajriet u Triq San Ġuzepp**
Il-Kunsillier Gauci nforma li minħabba l-aċċident li sar illum fi triq il-Ħtajriet, hemm bżonn jsiru *speed moderators* fi triq il-Ħtajriet k/m triq il-Kulleġġ u ftit qabel fl-istess triq il-Ħtajriet.

Il-Kunsillier Gauci nforma wkoll li fi triq San Ġuzepp, wkoll jridu jsiru *speed moderators.* Is-Sindku talab lil-Kunsillier Gauci biex jġib bil-miktub min mir-residenti lest li jaċċetta *speed moderator* quddiem ir-residenza, u wara ssir l-applikazzjoni ma Transport Malta.

Fit-8:50pm is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li membri preżenti li fadal 10 minuti biex tintemm il-laqgħa.

**71.4.5 Tabelli One-Ways**
Il-Kunsillier Farrugia staqsa jekk sistema tal-bdil tat-tabelli tal *one-ways* għadhiex għaddejja, għax hemm tabelli li jew huma msadda jew iċċaraw. Is-Sindku nforma li dawn jsiru ġodda ftit ftit.

**71.4.6 Culvert fi Vjal Indipendenza**
Il-Kunsillier Borg staqsa jekk lis-*storm water culvert* li jinsab fi Vjal Indipendenza fejn il-ħanut ta' Rodney, jistax jestendi? Is-Sindku nforma li dik triq arterjali u ser jinforma lil Infrastructure Malta.

**71.4.7 Xogħol tal-Enemalta minn Infrastructure Malta fil-Mosta**
Is-Sindku nforma li waqt il-kommunikazzjoni tas-Sindku nesa jsemmi li Infrastructure Malta (IM) ħadu f'idejhom bosta xogħol ta' trinek tal-Enemalta biex is-sistema tad-distribuzzjoni tad-dawl tissaħħaħ u ser jsiru diversi trinek fil-Mosta.

Fil-Mosta hawn bosta toroq proposti fejn ser isir xogħol ta' trinek tal-Enemalta u ser issir laqgħa mas-Sindku biex jiġi diskuss dan l-programm ta' xogħol. Dan hu xogħol urġenti li jrid isir kollu sa Ġunju 2024 qabel l-eqqel tas-sajf fejn id-distribuzzjoni tad-dawl tkun massimu.
Is-Sindku talab lista tax-xogħlijiet kollha u pjan tax-xogħol.

**71.4.8 Parkeġġi Klabb tal-Boċċi**
Il-Kunsillier Gatt staqsa kif tneħħew tlett parkeġġi min mad-dawra tal-klabb tal-boċċi, u s-Sindku nforma li kellhom jitneħħew tnejn għax il-vetturi, mod speċjalment vetturi kbar ma setgħux jduru komdu u kemm il-darba weħlu vetturi għal xi ħin milli jduru u kull darba jinħoloq *chaos.*

**71.4.9 Bankina Trejqa il-Parroċċa**
Il-Kunsillier Gatt staqsa kif tneħħew tlett parkeġġi minn Triq Salvu Dimech, preċiżament wara ċ-Ċentru Ċiviku.. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien diġà ddiskuta dan kollu fi żmien l-eks Sindku Romilda Baldacchino Zarb. Dak iż-żmien il-Kunsill kien qabel li jinħarġu tlett *No Objections* għal-permessi tat-*tables and chairs* tal-ħwienet *Eat Well, Italiano u Casa Kafe.* Dawn inħarġu mis-Segretarju Eżekuttiv u tali *No Objections* jippermettu li jitneħħa parkeġġ biex il-bankina tiġi estiża 'l barra. Peress li bejn il-ħwienet imsemmija ftit kien fadal residenzi u kien hemm ukoll daħla ta' garaxx, allura kien jagħmel sens li l-bankina tisporġi l-barra kollha kemm hi. Is-Sindku fakkar li meta ppreżenta l-pjanti li kienu ntbagħtu l-Awtorità tal-Ippjanar biex issir il-bankina tal-qawwi bil-fondi tad-DPF, diġà kienet proposta f'dan is-sens, fejn kienet murija li l-bankina ser tikber b'dan il-mod.
Is-Sindku qal ukoll li tnejn minn dawn il-parkeġġi diġà kienu mitlufa b'żewġ parkeġġi ta' *GO To Cars,* u għalhekk l-effett kien wieħed minimali.

**71.4.10 Pjanti Project Green**
Il-Kunsillier Gatt talab lis-Sindku biex jiċċirkola l-pjanti ta' Project Green.

**71.4.11 Deċiżjonijiet**
Il-Kunsillier Gatt talab lis-Sindku biex jkun hemm aktar kommunikazzjoni mal-Kunsilliera dwar ċertu deċiżjonijiet.

Fit-8:55pm il-Kunsillier Zerafa talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

**71.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**71.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 146.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**71.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 23 ta' Jannar 2024 fis-6:00pm.

Konfermati llum 23 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |